

Brussell, 14 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0425(COD)
2022/0424(COD)

15720/22
ADD 3

IXIM 293
ENFOPOL 638
FRONT 461
AVIATION 318
DATAPROTECT 362
JAI 1677
COMIX 615
CODEC 2011
IA 222

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 14 ta' Diċembru 2022

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2022) 423 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġeri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġeri għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ta' kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 423 final.

Mehmuż: SWD(2022) 423 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 13.12.2022
SWD(2022) 423 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġeri (API)
għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-
Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-
Kunsill 2004/82/KE**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġeri għall-fini
tal-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ta'
kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818**

{COM(2022) 729 final} - {SEC(2022) 444 final} - {SWD(2022) 421 final} -
{SWD(2022) 422 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni Bil-quddiem dwar il-Passiġġieri (API)

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

F'dawn l-aħħar deċennji kien hemm żieda ta' persuni li jivvjaġġaw bl-ajru, bl-UE tirreġistra madwar biljun passiġġier (fl-2019), li minnhom nofs biljun passiġġier tal-ajru jidħlu jew joħorġu mill-UE. Dan joħloq pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-ajru. F'dan il-kuntest, l-Infurmazzjoni Bil-quddiem dwar il-Passiġġieri (API) hija għodda effettiva biex l-awtoritajiet tal-fruntieri jiġu infurmati bil-quddiem dwar il-volum u l-identità tal-vjaġġaturi bl-ajru, biex ikunu jistgħu jsiru verifiki minn qabel qabel il-wasla tagħhom fil-fruntiera esterna. Madankollu, hemm **żewġ kwistjonijiet ewlenin** li joħolqu lakuni u inkonsistenzi fil-mod kif l-Istati Membri jipproċessaw id-*data* tal-API kemm għall-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.

- L-ewwel nett, il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri tirrikjedi li **l-vjaġġaturi bl-ajru kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' Schengen jiġu kkontrollati minn qabel b'mod effettiv u sistematiku bid-*data* tal-API**. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jitolbu lit-trasportaturi tal-ajru biex jittrażmettu d-*data* tal-API. Barra minn hekk, għal dawk l-Istati Membri li stabbilixxew sistema ta' API, l-evalwazzjoni tal-2020 tad-Direttiva API osservat li l-Istati Membri ma jagħmlux użu suffiċjenti mill-possibbiltà tal-ipproċessar tad-*data* tal-API għal ġestjoni msafha tal-fruntieri. Barra minn hekk, l-użu effettiv tad-*data* tal-API jeħtieġ il-ġbir ta' *data* affidabbli u vverifikata, li xi drabi mhuwiex il-każ illum. Fil-fatt, id-Direttiva API ma tippreskrivix il-mezzi għall-ġbir tad-*data* tal-API mill-passiġġieri, li jista' jwassal għal *data* mhux kompluta jew inkorretta trażmessa lill-awtoritajiet nazzjonali. Meħnuda flimkien, u minħabba l-flessibbiltà li jipprovdu r-rekwiżiti tad-Direttiva API, hemm varjetà kbira fil-mod kif l-Istati Membri implimentaw id-Direttiva API. B'konsegwenza ta' dan, mhux kull passiġġier tal-ajru li jaqsam il-fruntiera esterna ta' Schengen jiġi ċċekkjat minn qabel bid-*data* tal-API.
- It-tieni, **l-ipproċessar konġunt tad-*data* tal-API u tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) huwa għodda effettiva għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi** biex jidentifikaw terroristi u kriminali serji oħra. Il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu hija għan distint tal-ipproċessar tad-*data* tal-API, iżda hija effettiva biss jekk id-*data* tiġi pproċessata flimkien mal-infurmazzjoni dwar il-prenotazzjoni li tinsab fid-*data* tal-PNR. In-nuqqasijiet fl-ipproċessar tad-*data* tal-API identifikati hawn fuq jimminaw l-użu tad-*data* għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, peress li l-qafas attwali tal-UE jippermetti l-ipproċessar konġunt tad-*data* tal-API u tad-*data* tal-PNR biss dwar titjiriet li jidħlu jew joħorġu mill-UE, hemm lakuna sinifikanti fejn tidħol is-sigurtà fl-ipproċessar tad-*data* dwar il-passiġġieri tal-ajru mill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar titjiriet ġewwa l-UE u dawk domestiċi. Biex tiġi indirizzata din il-lakuna, l-Istrateġija tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2021 lejn **żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-siġħ** appellat għal użu akbar tad-*data* tal-API flimkien mad-*data* tal-PNR għal titjiriet intra-Schengen biex tissaħħaħ b'mod sinifikanti s-sigurtà interna, f'konformità mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-dritt fundamentali għal-libertà tal-moviment¹.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Din l-inizjattiva għandha l-għan li **ttejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen** billi tiżgura li kull persuna li tivvjaġġa fuq titjiriet li jidħlu jew joħorġu miż-żona Schengen jiġu ċċekkjati minn qabel bid-*data* tal-API qabel il-wasla fil-fruntiera esterna ta' Schengen. Din l-inizjattiva għandha wkoll l-għan li **ttejjeb is-sigurtà interna tal-UE** billi tiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri jkollhom aċċess għal *data* affidabbli dwar il-passiġġieri tal-ajru biex b'mod effettiv jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u l-kriminalità serja. Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi ġenerali, l-inizjattiva tistabbilixxi tliet oġettivi speċifiċi:

- Biex jiġu żgurati **verifiki minn qabel mad-*data* tal-API fil-fruntieri esterni ta' Schengen**: Il-ġbir tad-*data* tal-API jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jagħmlu kontroverifika tad-*data* tal-passiġġieri b'mod sistematiku mal-infurmazzjoni li tinsab fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, u jagħmlu dan qabel ma passiġġier fil-fatt jasal fil-punt tal-qsim tal-fruntiera. Id-*data* tal-API se ttiprovdi lill-gwardji tal-fruntiera bi żmien addizzjonali għall-analiżi tal-infurmazzjoni u tgħinhom jorganizzaw xogħolhom aħjar.
- Biex **jiġi ffaċilitat il-fluss ta' vjaġġaturi bona fide fil-fruntieri esterni ta' Schengen**: Id-*data* tal-API tiffaċilita l-ikklerjar ta' passiġġieri b'riskju baxx. Tħejjija aħjar għall-kontroll ta' passiġġieri speċifiċi billi jiġu identifikati permezz tad-*data* tal-API qabel il-wasla tagħhom tgħin biex jitħaffu l-kontrolli fil-fruntieri peress li l-passiġġieri li jeħtieġu kontrolli sekondarji jistgħu jiġu separati mingħajr ma l-passiġġieri l-oħra jkunu fil-kju u jistennew.
- Biex jiġu **miġġielda b'mod effettiv il-kriminalità serja u t-terroriżmu bl-ipproċessar konġunt tad-*data***

¹ COM(2021) 277 final (2.6.2021).

tal-API u d-data tal-PNR: Id-*data* tal-API miġbura b'mezzi awtomatizzati se tidentifika b'mod affidabbli dawk il-passiġġieri li huma ta' interess partikolari għall-awtoritajiet kompetenti li jinvestigaw il-kriminalità serja u t-terroriżmu. Sabiex ikun jista' jsir l-ipproċessar konġunt tad-*data* tal-API u tad-*data* tal-PNR, kull rekord tal-PNR riċevut mill-awtoritajiet kompetenti għandu jiġi kkomplementat b'*data* sħiħa u korretta tal-API, filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-dritt fundamentali għal-libertà tal-moviment.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva API twassal għal prattiki inkonsistenti u diverġenti, kif jidher mill-evalwazzjoni tal-2020 tad-Direttiva, li jeħtieġu azzjoni ulterjuri f'dan il-qasam biex jiġu żgurati l-effettività u l-konsistenza fl-użu tad-*data* tal-API għall-verifiki minn qabel fil-fruntieri esterni ta' Schengen. Intervent fil-livell tal-UE jipprovdi wkoll kriterji għall-UE kollha għall-ġbir u t-trasferiment tad-*data* tal-API għall-finijiet tal-liġi, sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu fl-UE.

Kriterji aktar ċari għall-ġbir tad-*data* tal-API se jiżguraw adożzjoni u konformità aħjar mill-industrija tal-ajru u jiġibu effiċjenzi, b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-obbligu li d-*data* tal-API tiġi trażmessa lil punt ta' dħul wieħed (interfaċċa tat-trasportaturi u router tal-API) minflok lil diversi awtoritajiet nazzjonali kif inhu l-każ illum. L-awtoritajiet nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra kkonsultati fit-tnejn ta' din il-valutazzjoni tal-impatt appellaw għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-API biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza legali.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Ġew ikkunsidrati għadd ta' għażliet ta' politika leġiżlattiva, filwaqt li l-għażliet mhux leġiżlattivi ma jindirizzawx b'mod effettiv il-problemi identifikati. Wara proċess ta' preselezzjoni, xi għażliet ġew skartati malajr. L-għażliet ta' politika analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt jistgħu jinġabru fi tliet settijiet ta' għażliet, jiġifieri:

- (1) **Għażliet li jikkonċernaw l-ambitu tal-ġbir tad-*data* tal-API għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen**, b'żewġ għażliet ta' politika kumulattivi:
 - għażla ta' politika 1.1: il-ġbir tad-*data* tal-API dwar it-titjiriet kollha li jaslu minn barra ż-żona Schengen;
 - għażla ta' politika 1.2: il-ġbir ta' *data* tal-API dwar it-titjiriet kollha deħlin fiż-żona Schengen u li ħerġin minnha.
- (2) **Għażliet li jikkonċernaw l-ambitu tal-ġbir tad-*data* tal-API għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi** biex jippermettu l-ipproċessar konġunt tad-*data* tal-API u tad-*data* tal-PNR, b'żewġ għażliet ta' politika kumulattivi:
 - għażla ta' politika 2.1: il-ġbir tad-*data* tal-API dwar it-titjiriet kollha li jaslu minn barra l-UE u li joħroġu minnha;
 - għażla ta' politika 2.2: Il-ġbir tad-*data* tal-API dwar it-titjiriet kollha minn barra l-UE (deħlin u ħerġin), dawk fi ħdan l-UE kif ukoll dawk domestiċi li għalihom tinġabar id-*data* tal-PNR.
- (3) **Għażliet li jikkonċernaw il-kwalità u l-ġbir tad-*data* tal-API** bħala aspekk orizzontali. Dan ikun japplika għall-ġbir tad-*data* tal-API dwar kwalunkwe titjira applikabbli u għal kwalunkwe skop, u b'hekk jaffettwa kemm il-ġbir tad-*data* tal-API għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen kif ukoll għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Hemm żewġ għażliet ta' politika alternattivi:
 - għażla ta' politika 3.1: Il-ġbir tad-*data* tal-API b'mezzi awtomatizzati jew manwali;
 - għażla ta' politika 3.2: il-ġbir ta' *data* tal-API b'mezzi awtomatizzati biss.

L-għażliet ta' politika ppreferuti jikkombinaw il-ġbir tad-*data* tal-API dwar titjiriet deħlin fiż-żona-Schengen minn barra minnha għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen (l-għażla ta' politika 1.1), tat-titjiriet barra mill-UE, ta' xi titjiriet magħżula fi ħdan l-UE u oħrajn domestiċi fejn id-*data* tal-PNR tinġabar għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (għażla ta' politika 2.2). L-għażliet ta' politika ppreferuti jinkludu wkoll l-obbligu li jiġi trażmess sett komplut ta' *data* tal-API mit-trasportaturi tal-ajru bl-użu ta' mezzi awtomatizzati biss (għażla ta' politika 3.2) kemm għa skopijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen kif ukoll għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

Min jappoġġa liema għażla?

Ġiet ikkonsultata firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fit-tnejn ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri, l-Aġenziji tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll ir-rappreżentanti tas-settur privat u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali. L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jinkludu sfharrigiet, intervisti u sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati jappoġġaw l-għażla ta' politika ppreferuta.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-istabbiliment ta' **Strument tal-API għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni** għandu għax itejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jużaw id-*data* tal-API biex jivverifikaw minn qabel b'mod effettiv u effiċjenti l-vjaġġaturi bl-ajru qabel il-wasla tagħhom fil-fruntieri esterni ta' Schengen. Standardizzazzjoni tar-rekwiżiti għall-ġbir u t-trasferiment tad-*data* tal-API għandha għax iżżid il-konformità tal-industrija tal-linji tal-ajru peress li tkun iffaċċjata bl-istess rekwiżiti mill-Istati Membri kollha. *Data* tal-API aktar affidabbli u vverifikata kif miġbura b'mezzi awtomatizzati tippermetti l-identifikazzjoni ta' vjaġġaturi b'riskju għoli u tiżgura faċilitazzjoni aktar rapida tal-kontrolli fil-fruntieri esterni u l-ikklerjar tal-passiġġieri mal-wasla.

Strument tal-API separat għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi jirregola l-ġbir tad-*data* tal-API dwar it-titjiriet kollha lejn u barra l-UE, kif ukoll dwar titjiriet magħżula ġewwa l-UE u domestiċi li għalihom tinġabar id-*data* tal-PNR. L-proċessar konġunt tad-*data* tal-API u tad-*data* tal-PNR isaħħaħ ir-robustezza tad-Direttiva dwar il-PNR fil-għieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri) jibbenefikaw minn *data* tal-API ta' kwalità ogħla u verifikata biex jinvestigaw reati serji u terroriżmu u biex jidentifikaw l-awturi involuti f'dawn ir-reati serji.

X'inhuma l-kosti tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ta' politika ppreferuta tkun teħtieġ investimenti kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għat-trasportaturi tal-ajru. Il-kosti tal-**strument API għal finijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni** għall-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jiddependu fuq id-daqs ta' pajjiż u l-volum globali ta' titjiriet deħlin. Is-sistemi nazzjonali tal-API jeħtieġ li jiġu mmodifikati biex jirċievu u jipproċessaw flussi ta' *data* addizzjonali li ma nġabrux qabel. It-total tal-kosti huwa stmat għal medja ta' **EUR 13.5 miljun** b'kollox. Għat-**trasportaturi tal-ajru**, l-element ewlieni tal-kost ikun il-kostijiet tat-trażmissjoni tad-*data* tal-API. Obbligu li d-*data* tal-API tiġi trażmessa b'mod sistematiku fuq it-titjiriet deħlin kollha jżid il-volum tad-*data* trażmessa u għalhekk jirriżulta f'kosti addizzjonali ta' trażmissjoni. Madankollu, b'din l-inizjattiva, id-*data* tal-API tiġi trażmessa biss lejn punt wieħed, jiġifieri l-interfaċċa tat-trasportaturi akkumpanjata minn router tal-API, li jnaqqas b'mod sostanzjali l-kostijiet tat-trażmissjoni. Dawn huma stmati għal iffrankar nett ta' **EUR 2.53 miljun** fis-sena. Il-linji tal-ajru li ma jużawx mezzi awtomatizzati fil-proċessi taċ-check-in tagħhom ikollhom ukoll jinvestu jew jagħmlu modifiki fis-sistemi tagħhom biex jiġbru d-*data* tal-API bl-użu ta' mezzi awtomatizzati, stmati bi spiża ta' darba ta' **EUR 50 miljun**. **L-strument tal-API għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi** ikun jirrappreżenta wkoll żieda fl-għadd ta' passiġġieri li fuqhom il-linji tal-ajru jittarżmettu d-*data* lill-awtoritajiet, b'dawn il-kosti mbagħad jittaffew mill-fatt li d-*data* tiġi trażmessa darba biss lill-interfaċċa tat-trasportaturi akkumpanjata minn router tal-API. Dawn huma stmati għal total ta' **EUR 75 miljun** b'ħala kosti ta' darba u **EUR 16.13 miljun** kosti rikorrenti għat-trażmissjoni ta' *data* tal-API dwar titjiriet fi ħdan l-UE u **EUR 4.21 miljun** kostijiet rikorrenti fuq titjiriet ħerġin. Mhu mistenni l-ebda kost għall-Istati Membri peress li l-kapaċitajiet eżistenti se jipprovdu għall-ipproċessar ta' *data* addizzjonali tal-API.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Il-miżuri proposti mhumiex mistennija li jkollhom xi impatt sinifikanti fuq l-intrapriżi ż-żgħir u ta' daqs medju.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Is-somma tal-kosti tal-investiment mistennija fil-livell nazzjonali hija stmata għal medja ta' **EUR 13.5 miljun**.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-għażliet ta' politika preferuti kollha huma relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali. Għaldaqstant, dawn l-għażliet ta' politika għandhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari fuq id-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE) u fuq ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta). Il-ġbir ta' *data* tal-API dwar titjiriet magħżula fi ħdan l-UE u oħrajn domestiċi jista' jiskoraġġixxi l-eżerċizzju tal-moviment liberu kif iggarantit mill-Artikolu 45 tal-Karta. Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, il-valutazzjoni tal-impatt tipprevedi kunsiderazzjoni bir-reqqa tad-drittijiet fundamentali matul l-analiżi tagħha u tidentifika għadd ta' salvagwardji effettivi li huma meħtieġa. B'mod aktar speċifiku, il-ġbir tad-*data* tal-API dwar titjiriet fi ħdan l-UE u oħrajn domestiċi għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi ma jkunx sistematiku u limitat għat-titjiriet li għalihom tinġabar id-*data* tal-PNR. Il-ġbir tad-*data* tal-API japplika r-rekwiżiti u s-salvagwardji stabbiliti mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Ligue des droits humains*. L-għażliet ta' politika ppreferuti kollha għandhom għax jilħqu objettiv ta' interess ġenerali - ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni ta' Schengen u l-għieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu - u jkunu strettament limitati għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq tali objettiv.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-Kummissjoni tiżgura li l-arranġamenti meħtieġa jkunu fis-seħħ sabiex timmonitorja l-funzjonament tal-miżuri proposti u tevalwahaom skont l-objettivi ta' politika ewlenin.

Wara l-bidu tal-operazzjonijiet tal-istrumenti l-ġodda tal-API, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-valur miżjud tagħhom. Ir-rapport

jirrapporta wkoll dwar kwalunkwe impatt dirett jew indirett fuq id-drittijiet fundamentali. Jeżamina r-riżultati miksuba fl-isfond tal-għanijiet u jivvaluta l-validità ssokkata tal-motivazzjoni sottostanti u ta' kull implikazzjoni għall-għażliet futuri.

Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, it-trażmissjoni tad-*data* tal-API lill-interfaċċa tat-trasportaturi u d-distribuzzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz ta' router tal-API tappoġġa lill-Kummissjoni fil-kompiti tagħha ta' evalwazzjoni u infurzar billi tipprovi lill-Kummissjoni bi statistika affidabbli dwar il-volum tad-*data* trażmessa u dwar it-titjiriet li għalihom tintalab id-*data* tal-API.